

Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8807/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0374(COD)**

**CODEC 701
COMPET 359
IA 88
MI 350
RC 22
TELECOM 207**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	14172/20 + ADD 1-4 - COM(2020) 842 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (Att dwar is-Swieq Diġitali)¹.
2. L-Att dwar is-Swieq Diġitali, flimkien mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali², huwa proposit bħala aġġornament u komplementarjetà għar-regoli li jirregolaw is-servizzi diġitali fl-Unjoni Ewropea u parti mill-Istrateġija Diġitali Ewropea tal-Kummissjoni, *Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa*.

¹ Dokument 14172/20 + ADD 1

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (Dokument 14124/20 + COR 1 + ADD 1).

3. L-għan tal-proposta, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, huwa li tiżgura settur diġitali kontestabbli u ġust b'mod ġenerali u servizzi ta' pjattaformi ewlenin b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġu promossi l-innovazzjoni, il-kwalità għolja tal-prodotti u s-servizzi diġitali, prezzijiet ġusti u kompetittivi, kif ukoll kwalità għolja u għażla għan-negozji u l-utenti aħħarin fis-settur diġitali.
4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ħareġ l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Frar 2021³.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021⁴.
6. Fil-Parlament Ewropew, għadha kif ittieħdet deċiżjoni finali dwar il-kumitat responsabbli. Il-kumitat responsabbli ewlieni huwa l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO). Ir-Rapporteur huwa Andreas Schwab (PPE, DE). Il-kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi (ECON) u l-kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) nġataw status assoċjat, filwaqt li l-Kumitati LIBE, JURI, CULT u TRAN ser jikkontribwixxu għall-proċess leġislattiv bl-opinjoni tagħhom.
7. Fid-dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2021, il-membri tal-Kunsill Ewropew stiednu lill-koleġiżlaturi biex jaħdmu malajr fuq l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, bil-ħsieb li jissaħħaħ is-Suq Uniku għas-servizzi diġitali billi jinħoloq spazju diġitali aktar sikur u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

8. Fis-16 ta' Diċembru 2020, matul il-Presidenza Ġermaniża, il-Kummissjoni pprovdiet ħarsa ġenerali tal-proposta lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni. Sal-aħħar ta' Mejju 2021, taħt il-Presidenza Portugiża, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni ser ikun eżamina l-proposta f'15-il laqgħa.
9. Għall-fini tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni, il-Presidenza Portugiża qasmet il-proposta f'disa' elementi kostitwenti (id-deżinjazzjoni tal-gwardjani, l-obbligi tal-gwardjani, l-implimentazzjoni tal-obbligi, il-validità fil-futur, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u r-rwol tal-Istati Membri, is-setgħat investigattivi u ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, il-konformità, il-garanziji proċedurali, l-atti ta' implimentazzjoni u delegati).

³ Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data - Opinjoni Nru 02/21 tal-10.02.2021

⁴ INT/928 – EESC-2021-00127-00-00-AC-TRA

10. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-14 ta' Jannar 2021, b'enfasi speċjali fuq aspetti li għalihom id-delegazzjonijiet talbu aktar kjarifiki (b'mod partikolari dwar il-bażi ġuridika, id-deżinjazzjoni tal-gwardjani, l-interazzjoni bejn l-Att dwar is-Swieq Diġitali u leġislazzjoni, obbligi u spejjeż regolatorji oħrajn).
11. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni lesta l-ewwel eżami sħiħ tal-proposta fis-26 ta' April 2021, u għalhekk jidher xieraq li jirrapporta l-progress fid-diskussjonijiet lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) bil-ħsieb li jinforma lill-Kunsill Kompetittività (Kunsill COMPET) fis-27 ta' Mejju 2021.

III. SITWAZZJONI ATTWALI U KWISTJONIJIET EWLENIN

12. Għalkemm l-Istati Membri rriżervaw il-pożizzjonijiet tagħhom sakemm isiru d-diskussjonijiet li għaddejnin, il-Presidenza identifikat appoġġ ġenerali fost l-Istati Membri għal-livell ta' ambizzjoni tal-proposta, l-objettivi ġenerali tagħha u l-ħtieġa għal approvazzjoni rapida. B'mod partikolari, il-Presidenza rrikonoxxiet appoġġ wiesa' għal (i) il-ħtieġa li jinstab bilanċ ġust bejn proċeduri rapidi u flessibbli, minn naħa waħda, u ċ-ċertezza legali tal-miżuri, min-naħa l-oħra; (ii) il-kombinazzjoni ta' limiti kwantitattivi u kwalitattivi għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani u (iii) l-importanza ta' strumenti investigattivi effettivi, appoġġati minn sanzjonijiet effettivi.
13. Abbażi tad-diskussjonijiet fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma li saru s'issa, il-Presidenza tidentifika l-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin minn perspettiva politika u legali, li ser jeħtieġu aktar ħidma fin-negozzjati:

a) Ir-rwol tal-Istati Membri fl-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA)

14. Filwaqt li l-Istati Membri ġeneralment jirrikonoxxu li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol ċentrali fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-maġġoranza tal-Istati Membri appellaw għal kunsiderazzjoni ulterjuri tar-rwol tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, pereżempju fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet tas-suq, il-monitoraġġ tas-suq u fil-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
15. Diversi Stati Membri identifikaw ukoll il-ħtieġa li jiċċaraw il-qafas għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 1(7). Dan jinkludi r-rwol previst tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Swieq Diġitali, kif ukoll l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

b) Atti delegati

16. Skont il-proposta, f'każijiet speċifiċi (Artikoli 3 (5) u 10) il-Kummissjoni tista' tohrög atti delegati taħt ċerti ċirkostanzi (Artikolu 37). Xi Stati Membri esprimew xi dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati previsti fil-proposta, pereżempju biex tiġi speċifikata l-metodoloġija li tikkonċerna l-limiti kwantitattivi applikabbli għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani skont l-Artikolu 3.
17. Barra minn hekk, filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal validità fil-futur tar-regoli applikabbli għall-gwardjani skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali, għadd sinifikanti ta' Stati Membri esprimew ukoll riżervi dwar l-użu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-atti delegati għall-aġġornament skont l-Artikolu 10 tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, inkluż fid-dawl tar-regoli applikabbli għall-adozzjoni ta' atti delegati.

c) Kamp ta' applikazzjoni, bażi ġuridika u l-interazzjoni tad-DMA ma' leġislazzjoni oħra

18. Il-proposta tipprovdi sett armonizzat ta' regoli għall-gwardjani fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li jiġu żgurati swieq ġusti u kontestabbli fis-settur diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-kummerċjalizzazzjoni interna billi tiġi evitata l-frammentazzjoni. Il-Kummissjoni spjegat li l-proposta tikkomplementa r-regoli eżistenti u, fejn xieraq, hija mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni oħra applikabbli għall-forniment ta' servizzi koperti fil-proposta, fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali (Artikolu 1).
19. L-Istati Membri rrikonoxxew b'mod ġenerali l-ħtieġa għal regoli armonizzati, filwaqt li diversi Stati Membri ssuġġerew kjarifika tar-relazzjoni bejn l-oġettivi tal-proposta u l-bażi ġuridika tagħha.
20. Barra minn hekk, fl-interess taċ-ċertezza u l-effiċjenza legali, diversi Stati Membri appellaw għal aktar ċarezza rigward il-koordinazzjoni bejn l-Att dwar is-Swieq Diġitali u regoli oħra tal-UE u nazzjonali, bħar-regoli tal-kompetizzjoni, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁵, ir-Regolament dwar il-prattiki kummerċjali tal-Pjattaforma għan-Negożju ("ir-Regolament P2B")⁶ jew leġislazzjoni relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

⁵ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p.1-88)

⁶ Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57–79)

d) Deżinjazzjoni tal-gwardjani, obbligi u djalogu regolatorju

21. L-Istati Membri ġeneralment jappoġġaw il-prinċipji ewlenin tal-mekkaniżmu għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani, b'mod partikolari l-kombinazzjoni ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi. Xi Stati Membri ssuġġerew emendi ta' xi elementi relatati mad-deżinjazzjoni tal-gwardjani (Artikoli 3, 4 u 15). Minbarra l-mistoqsijiet dwar l-użu tal-atti delegati skont l-Artikolu 3(5) imsemmija hawn fuq, għadd ta' Stati Membri pproponew bidliet fil-kriterji li jiddefinixxu l-proċedura tad-deżinjazzjoni, pereżempju billi enfasizzaw il-ħtieġa li jitqiesu l-istrategġiji konglomerati bħala element rilevanti fil-valutazzjoni li twassal għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani.
22. Diversi Stati Membri qajmu wkoll kwistjonijiet relatati mal-iskadenzi applikabbli għall-investigazzjonijiet tas-suq li jikkonċernaw id-deżinjazzjoni tal-gwardjani.
23. Filwaqt li l-Istati Membri wrew appoġġ qawwi għal obbligi definiti b'mod ċar u infurzabbli, xi wħud minnhom appellaw ukoll għal aġġustamenti fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' xi wħud mill-obbligi li jinsabu fl-Artikoli 5 u 6, li jikkostitwixxu l-qalba tal-proposta. Dan jirreferi b'mod partikolari għall-obbligi li jikkonċernaw l-interoperabbiltà, il-portabbiltà tad-data u l-aċċess għad-data. Xi Stati Membri qajmu wkoll il-ħtieġa għal approċċ aktar individwalizzat fir-rigward tal-impożizzjoni tal-obbligi, peress li dawn iridu jirriflettu diversi mudelli kummerċjali ta' gwardjani. Barra minn hekk, diversi Stati Membri talbu għal aktar ċarezza rigward l-obbligi applikabbli għal gwardjani emerġenti.
24. L-obbligi li jinsabu fl-Artikolu 6 huma soġġetti għal qafas ta' djalogu fakultattiv (Artikolu 7) bejn il-gwardjani u l-Kummissjoni biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-obbligi meta jiġu implimentati miżuri mill-gwardjan li jirrikjedu aktar speċifikazzjoni. F'dan ir-rigward, diversi Stati Membri appellaw għat-tiżni tar-rwol tagħhom permezz tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Swieq Diġitali. Xi wħud mill-Istati Membri pproponew il-possibbiltà li l-gwardjani jagħmlu użu mill-efċjenza u l-ġustifikazzjonijiet oġġettivi għall-imġiba tagħhom biex iqisu aħjar l-impatt tal-imġiba tal-gwardjani fuq il-konsumaturi u s-sitwazzjoni partikolari ta' kull gwardjan. Stati Membri oħra kienu tal-fehma li tali possibbiltà ddgħajjed id-DMA u tagħmel l-infurzar tagħha aktar ikkumplikat, itwal u inqas effettiv. Barra minn hekk, xi Stati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn il-qafas ta' djalogu regolatorju u l-proċedimenti ta' nonkonformità.

25. Diversi Stati Membri qajmu wkoll kwistjonijiet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tat-talbiet motivati għas-sospensjoni ta', u eżenzjonijiet minn, obbligi previsti fl-Artikoli 8 u 9.
26. L-Artikolu 12 jirrikjedi li l-gwardjani jinfirmaw lill-Kummissjoni bl-akkwisti ta' fornituri oħra ta' servizzi diġitali, sabiex tgħaddi din l-informazzjoni għar-rieżami tal-istatus ta' gwardjan u l-monitoraġġ tax-xejriet tal-kontestabbiltà. Diversi Stati Membri appellaw għal test aktar ambizzjuż f'dan ir-rigward, li jtejjeb is-sistema ta' kontroll tal-fużjonijiet fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet minn gwardjani. Il-Kummissjoni spjegat li tali għan, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' "akkwiżizzjonijiet qattela" fis-settur diġitali, huwa indirizzat bil-bidla fl-approċċ tal-politika tal-Kummissjoni għar-riferimenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Diversi Stati Membri ssuġġerew li l-informazzjoni miġbura permezz ta' dan l-obbligu skont l-Artikolu 12 għandha tikkontribwixxi għall-proċeduri ta' kontroll tal-fużjonijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, u pproponew kjarifika korrispondenti fl-Artikolu 31, li skontha l-informazzjoni għandha tintuża biss għall-finijiet tal-Att dwar is-Swieq Diġitali.

e) Kwistjonijiet oħra

27. Kwistjonijiet oħra indikati mid-delegazzjonijiet għal aktar diskussjoni inkludew, fost l-oħrajn:
- Jekk xi obbligi għandhomx iqisu l-ekosistemi tal-gwardjani;
 - Id-durata tal-investigazzjonijiet tas-suq u l-limitu għal rimedji sistematiċi ta' nonkonformità;
 - Il-kamp ta' applikazzjoni u l-limitu għall-miżuri interim.
28. Inkiseb progress sinifikanti matul il-Presidenza Portugiża, u d-delegazzjonijiet ser ikomplu janalizzaw fil-fond il-kontenut tal-proposta. Għalhekk, meta titqies il-kumplessità tal-proposta, l-impatt tagħha fuq is-suq uniku u fuq is-swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali, kif ukoll l-interrelazzjoni tagħha ma' strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, hija meħtieġa aktar ħidma fil-livell tekniku qabel ma l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni politika, li għaliha dan ir-rapport qiegħed jikkontribwixxi, filwaqt li jindika l-kwistjonijiet ewlenin. Il-Presidenza Portugiża hija impenjata li taħdem mill-qrib mal-Presidenza Slovena li jmiss sabiex tiffaċilita kompromess futur.

IV. KONKLUŻJONIJIET

29. Il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza.
-